MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 731/2003

**Standard Publications Limited**

**Vs**

**Zanzibar Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u erbatax-il lira Maltija (Lm414), bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta konvenuta lil Standard Publications Limited in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta attrici u dana fl-2002, fuq ordni tas-socjeta konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u dehret biss fl-ewwel seduta.

Semgha x-xhieda ta' l-avukat Dr. Lisa Lomardi ghas-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' erba' mija u erbatax-il lira Maltija (Lm414), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------